SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL**

**Laqgħa msejħa b'urġenza**

**LAQGĦA NUMRU 3910**

Illum it-Tnejn, 12 ta' April 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. LAQGĦA MSEJĦA B'URĠENZA**

Din il-laqgħa ġiet imsejħa b'urġenza mis-Sindku, is-Sur Frederick Cutajar skond kif tippermetti l-liġi tal-Kunsilli Lokali.

## 1.1 *Delinkwenza minn minorenni f'Santa Lućija*

Is-Sindku, is-Sur Frederick Cutajar qal li kien sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza skond kif tippermetti l-liġi. Huwa rrefera għall-inċident li kien ġara f'Santa Luċija fil-lejl ta' bejn is-Sibt, 10 ta' April u l-Ħadd, 11 ta' April 2010 u qal li ħass li ma jistgħax wieħed iħalli kollox għaddej qiesu mhu qed jiġri xejn. Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu ħafna żmien jiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet dwar dak li qed jiġri minn grupp ta' żgħażagħ taħt l-eta` f'Santa Luċija. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill sett ta' ritratti numerati li juru l-inċident li fih tlett itfal serqu karozza u saquha bir-riżultat li dawn inqalbu bil-karozza u spiċċaw ġo parapett ta' residenza privata. Huwa qal li kien miraklu li dawn ma baqgħux mejta. Is-Sindku qal li dawn it-tfal qed jagħtu fastidju lir-residenti u jinsultaw anki l-kenniesa tat-toroq. Huwa qal li l-Kunsill ma jistgħax jgħid lil pulizija x'għandha tagħmel, biss il-liġi hemm qiegħda. Huwa qara stqarrija għall-istampa dwar dak li ġara. Kopja ta' din l-istqarrija qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

Il-Viċi Sindku, is-Sur Balzan qal li fl-istqarrija hemm bżonn li wieħed isemmi wkoll il-vandaliżmu.

Is-Sindku qal li dawn iż-żgħażagħ ser jitressqu quddiem *juvenile court* u ser jiġu akkużati bil-vandaliżmu li kien hawn f'Santa Luċija dan l-aħħar.

Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsilliera m' għadhomx jattendu fil-laqgħat li jsiru mal-pulizija u m'humiex jirċievu minuti ta' dawn il-laqgħat.

Is-Sindku qal li hija l-pulizija li titlob li tiltaqa' mas-Sindku. Huwa qal lil Vici Sindku li mhux qed jirċievi l-minuti għax kienet ilha ma ssir laqgħa mal-pulizija. Huwa qal li waqt dawn il-laqgħat dejjem jingħad l-istess kliem u jibqa' ma jsir xejn .

Is-Sindku qal li l-ħuta minn rasha tinten u ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministru ta' l-Intern dwar dak li qed jiġri.

Il-Kunsilliera Caroline Galea pproponiet li din hija problema li tolqot il-familja u għaldaqstant l-ittra lill-Ministru ta' l-Intern għandha tiġi kkuppjata lil Kummissarju tat-tfal. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-istorbju li qed ikun hawn fil-ħinijiet ta' filgħaxija u l-ħmieġ li dawn iż-żgħażagħ iħallu warajhom. Semma wkoll li dawn jagħmlu *double parking*, ħadd ma jkun jista' jgħaddi u ħadd ma jkellimhom.

Il-Kunsilliera Paulette Gafa` qalet li għalxejn jintbagħt pulizija waħdu għax dawn mhux ser jibżgħu mill-uniformi.

Il-Kunsill Bonello ingħaqad ma' sħabu f'dak li kienu qed jgħidu.

Il-Kunsilliera Carolina Galea ssuġġeriet li l-Kunsill jibagħt għal dawn it-tfal u jiġu l-pulizija jkellmuhom fil-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jidħolx fuq ix-xogħol tal-pulizija. Huwa qal li l-għan tal-Kunsill huwa li jqajjem *awareness* fuq dak li qed jiġri ħalli l-awtoritajiet responsabbli jindirizzaw din il-problema. Huwa qal li kien għalekk li l-Kunsill bagħat l-aġenda ta' din il-laqgħa lil Media. Huwa qal li filfatt diġa qed jidhru artikli fil-Media dwar dak li ġara.

**2. TMIEM**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m. Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 20 ta' April 2010 fis-6.30 p.m.

**Caroline Silvio**

**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IT-TLIETA,
20 **ta'** APRIL **2010**

**Frederick Cutajar**

**Sindku**